**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 3 ta' Frar 2016**

**App. Nru. 119/14 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gaetan Gatt**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Gaetan Gatt, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 5372(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2013 sa Ġunju 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Carol Gatt u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Gaetan Gatt ħati ta' l-

imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Gaetan Gatt ppreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka, tħassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu jew, subordinatament, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, tirriformaha għal dik li hija l-piena nflitta billi tagħti piena aktar xierqa u ġusta għaċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Carol Gatt; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jgħid li l-aggravju tiegħu hu fis-sens li t-tliet xhur imposti fuqu kienu għal kollox esaġerati tenut kont tal-fatti tal-każ. Jgħid ukoll, pero`, illi l-ħlasijiet għall-perijodu kopert mill-imputazzjoni saru. Inoltre jissottometti illi peress li kien jinsab il-ħabs allura l-introjtu li kellu kien limitat. Jirreferi għal xi ġurisprudenza ta' din il-Qorti (**Il-Pulizija v. Alfred Camilleri**, 18 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Anthony Saliba**, 15 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**, 27 ta' Lulju 2006; u **Il-Pulizija v. Publius Said**, 25 ta' Settembru 2003. Imbagħad iżid jgħid:

> "11. L-impozizzjoni ta' detenzjoni, hija, f'kazijiet bhal dawn, u dejjem bir-rispett, odjuza jekk ma twassal finalment ghall-hlas ta' manteniment kif dovut skond il-kuntratti jew digriet in kwistjoni. Il-fatt li l-Ewwel Onor. Qorti ziedet it-tliet xhur mertu ta' din il-kawza mal-perjodu ta' habs li gia` l-appellanti qed jiskonta qed izzid effettivament fuq il-*hardship* li tista' ssofri l-kwerelanti stante li l-appellant ma ghandux mezzi biex ihallas.
>
> "12. Irid jizdied jinghad li l-appellant kien fil-perjodu koncernat ghalhekk fl-impossibilita` fizika biex ihallas il-manteniment dovut.
>
> "13.Jizdied jinghad ulterjorment li r-rikorrenti qed jiskonta sentenza ta' habs liema sentenza waslet sabiex tispicca. Hija verita` fattwali u assoluta li jekk jerga' jmur il-habs fuq l-akkuzi mertu ta' dan l-Appell ma jkunx qed jintlahaq l-iskop tal-legislazzjoni – anzi propju bil-kontra."

**6.** Mela minn banda l-appellant jgħid illi ħallas l-ammont dovut għall-perijodu in kwistjoni (Jannar sa Ġunju 2013) u mill-banda l-oħra li ma kellux il-meżżi biex iħallas. Fil-verita` l-appellant ma pproduċa l-ebda prova li tali ammont huwa mħallas. Waqt is-smiegħ ta' dan l-appell, Carol Gatt infurmat lil din il-Qorti li kien hemm konvenju għall-bejgħ ta' proprjeta` u hija kienet se titħallas mir-rikavat. Sussegwentement Carol Gatt ippreżentat nota fis-sens li waslet fi ftehim ma' l-appellant dwar il-manteniment u għalhekk "ser tiġi rtirata l-kwerela ntavolta minnha". Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, pero` l-istess

Carol Gatt xehdet li hi baqgħet ma tħallsitx, li għandha tieħu b'kollox €6,400 mill-2010 u inoltre li ħarġet €8,000 oħra għax "il-flus tiegħu kienu kollha dejn". Sas-seduta tas-27 ta' Jannar 2016 il-posizzjoni baqgħet l-istess.

**7.** Fis-seduta tallum l-appellant ħallas lil martu s-somma minnu dovuta għall-perijodu mertu tal-każ.

**8.** Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

> **"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal tliet xhur priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.